**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 424/2021**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Wayne Rodney Borg)**

**-Vs-**

**JOSEPH-MICHAEL BALDACCINO**

**Illum, 20 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **JOSEPH-MICHAEL BALDACCHINO**, ta' 57 sena, bin Joseph u Helen nee' Micallef, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Novembru 1963, residenti 25, Moon Light, Triq il-Maġġur Anthony Aquilina, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 601063M, li ġie akkużat talli fil-perijodu ta' bejn is-snin 2016 u 2018 f'dawn il-gżejjer, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, u/jew fil-kapaċita' tiegħu u/jew rappreżentant tal-Agency for the Welfare of Asylum Seekers (AWAS), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Għal xi vantagg privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita' oħra, seraq jew għamel użu minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, li ġew fdati lilu minnħabba l-kariga jew impjieg tiegħu;

2. Approprja ruħhu, billi dawwar bi profit għaliħ jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikunsenjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

3. B'mezz kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-ezistenza ta' intrapriza falza, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi grajja kimerika u/jew bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel qligħ ieħor;

4. Aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku wettaq reat illi kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tapplika l-Artikoli 532A u 532B.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur taqra u tikkonferma bil-ġurament l-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Marzu 2023 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

Fl-artikoli 127 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 92 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 310(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 17, 533, 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 li m'għandux oġġezzjoni il l-każ jiġi trattat bl-proċedura sommarja;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-akkużi fil-konfront tal-imputat nibtu minn investigazzjoni li saret mill-Financial Investigation Directorate fi ħdan l-Internal Audit and Investigations Department, liema

investigazzjoni kkonkludiet illi l-imputat, li fiż-żmien tar-reati, ċioe' bejn l-2016 u l-2018 kien jokkupa l-kariga ta' Kap Ezekuttiv ta' Aġenzija bl-isem Agency for the Welfare of Asylum Seekers ('AWAS' jew 'l-Aġenzija'), kien għamel użu ħażin ta' fondi pubbliċi.

Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li l-imputat għamel użu ħażin ta' fondi pubbliċi għaliex b'mod ġenerali, kien uża l-fondi tal-AWAS biex isir il-ħlas lil ħaddiema tal-AWAS għal xogħolijiet ta' manutenzjoni u oħrajn li kienu għamlu f'daru u fuq id-dgħajsa personali tiegħu, liema xogħolijiet uħud minnhom saru waqt il-ħinijiet tax-xogħol tal-ħaddiema mal-AWAS; biex jinxtraw għodda, materjal u tagħmir għall-użu u istallazzjoni ġewwa r-residenza privata tiegħu ġewwa Birkirkara; u għall-ħlas ta' ikla mhux konnessa mal-ħidma tal-Aġenzija, fost oħrajn.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli fl-ewwel imputazzjoni taħt l-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali, bir-reat ta' storn, deskritt fin-noti marġinali tal-imsemmi artikolu bħala "*Serq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku*", bl-Ingliż, "*embezzlement*".

Il-Professur Mamo jikkummenta hekk fir-rigward dan ir-reat:

"*Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust reposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawfully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain.*"

Jagħmel riferenza wkoll għal dak li jghid l-Imhallef Harding:

"*Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion.*"

Id-*dolo* meħtieġ biex tinsab ħtija għal dan ir-reat huwa riskontrabbli fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruħu jew jisraq flus jew oggetti oħra mobbli sabiex jagħmel profitt u dana b'abbuż tal-fiduċja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alexander Zammit**, li ġiet ċitata fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Compagno**[1]:-

*"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

Minn dan kollu jikkonsegwi illi l-kwalita` ta' ufficjal pubbliku (u kwindi l-fatt li l-ħaġa tkun fdata lilu minħabba l-kariga tieghu) ma għandhiex bħala bażi l-faċilitazzjoni tal-eżekuzzjoni tar-reat, imma l-vjolazzjoni ta' dover speċjali inkombenti lill-uffiċjal pubbliku (li jkollu l-ħaġa fdata lilu) u għalhekk mhux biżżejjed li tkun uffiċjal publiku biss, mingħajr ma jkun hemm ukoll l-affidament tal-ħaġa.

L-ewwel element tar-reat ta' storn taħt l-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali li jeħtieġ li jiġi stabbilit huwa li l-imputat huwa uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku.

Skont kif jirriżulta minn eżami ħafif tal-kuntratt ta' servizz tal-imputat (Dok. CV1), huwa kien ġie impjegat fil-11 ta' Ottubru 2016 bħala '*Chief Executive Officer of the Agency for Asylum Seekers*', b'effett mill-15 ta' Awwissu 2016. Il-kuntratt ta' servizz

[1] Deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Diċembru 2017.

espressament jistipola li l-imputat kien ingaġġat fuq bażi ta' '*Position of Trust*'. Ġie dikjarat ukoll fl-istess kuntratt illi l-imputat bħala '*the Contractee*' dak iż-żmien kien jokkupa "*a substantive grade in the Malta Public Service / employment in a Public Entity*" u kellu jibqa' jżomm dak l-impieg u jirriverti lura għall-istess grad fis-servizz pubbliku mat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' servizz tiegħu bħala Chief Executive Officer[2] tant illi matul il-perijodu ta' servizz taħt il-kuntratt kellu jgħodd bħala servizz fil-grad jew pożizzjoni li kien jokkupa l-imputat minnufih qabel il-perijodu kuntrattwali[3]. Il-fatt illi l-imputat kien impjegat fiż-żmien tar-reati bħala *senior manager* mal-Aġenzija fuq bażi *full-time* sa mill-14 ta' Marzu 2016, huwa affermat mill-'employment history (summary)' esebit mir-rappreżentant ta' Jobsplus[4].

Għall-Qorti dan huwa biżżejjed għall-prova li l-imputat kien impjegat pubbliku. 'Impjegat pubbliku', kif definit fl-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 497, ċioe' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika li kien fis-seħħ matul il-perijodu tar-reati, ċioe' bejn is-snin 2016 u 2018, jinkludi "*uffiċjali pubbliċi u impjegati ta' aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern, u għall-fini tas-sezzjoni B, sezzjoni Ċ u l-paragrafu 27 tal-Kodiċi ta' Etika, persuna tkompli titqies bħala impjegat pubbliku għal tliet snin wara li tirtira, tirriżenja jew titkeċċa mill-impjieg pubbliku.*" Indubbjament, l-Aġenzija hija entita' tal-gvern kif imfisser fl-istess artikolu 2(1) tal-Kap. 497 bħala "*organizzazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew soċjetà kummerċjali, li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi".*

Tabilħaqq l-Aġenzija hija mwaqqfa mil-liġi permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.11 (Regolamenti dwar l-Aġenzija għall-Ħarsien tal-Persuni li qed ifittxu Ażil, Avviż Legali 205 tal-2009). Iżda mhux hekk biss: huwa wkoll evidenti mid-dispożizzjonijiet legali tar-Regolamenti msemmija, illi l-Gvern għandu kontroll effettiv tal-Aġenzija u interess ewlieni fit-tmexxija tagħha. Ibda biex ir-regolamenti jistipolaw illi l-Ministru responsabbli għall-Aġenzija jkollu jedd jagħti ordnijiet bil-

[2] Klawsola 5 tal-kuntratt.
[3] Klawsola 5a tal-kuntratt.
[4] Dok. LB1 esebit minn Louis Buhagiar fis-16 ta' Diċembru 2021.

miktub, u l-Aġenzija u l-kap tagħha għandhom jintrabtu sabiex josservaw dawk l-ordnijiet. Barra dan il-fatt illi l-Aġenzija tirċievi fondi pubbliċi biex twettaq il-funzjonijiet tagħha li jinkludu l-manutenzjoni taċ-ċentri li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tagħha: ir-regolament 7(2) tal-Avviż Legali 205 tal-2009 jiddisponi li l-Aġenzija tiġi mħallsa mingħand il-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk l-ammonti li l-Kamra tad-Deputati tista' tawtorizza minn żmien għal żmien li jkunu xierqa sabiex jintlaħqu l-ispejjeż tal-operazzjoni u l-kapitali identifikati fil-pjan ta' ħidma finanzjarja tagħha. Fil-fatt, l-artikolu 3 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jiddisponi illi: "*Id-dipartimenti, aġenziji u entitajiet tal-Gvern huma korpi li jamministraw riżorsi pubbliċi u li jipprovdu servizzi lill-pubbliku jew jaqdu funzjonijiet oħra f'isem l-Istat.*" Għalhekk ftit jista' jkun hemm dubju li filwaqt li l-Aġenzija AWAS hija entita' tal-Gvern, l-imputat bħala impjegat tal-Aġenzija sija bħala senior manager (Jobsplus) kif ukoll bħala Kap Eżekuttiv tal-istess Aġenzija, huwa impjegat pubbliku.

Fuq kollox iżda, ir-regolament 13(1) tal-Avviż Legali jagħmilha ċar li meta kwalunkwe uffiċjal jiġi assenjat għax-xogħol mal-Aġenzija taħt kwalunkwe dispożizzjoni tar-regolament 11, dak l-uffiċjal għandu, waqt dak iż-żmien illi fih l-ordni tibqa' effettiva fir-rigward tiegħu, jkun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Aġenzija, imma huwa għandu għall-finijiet u l-effetti kollha jibqa' u jkun ikkunsidrat u meqjus bħala uffiċjal pubbliku. *Multo magis* għalhekk, il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija li jiġi maħtur a tenur tar-regolament 5 tal-Avviż Legali[5], li kellu r-responsabbiltà ġenerali tat-tmexxija tal-Aġenzija[6]. Aġenzija li hija parti mill-eżekuttiv għaliex trid twettaq l-ordnijiet tal-Ministru responsabbli u twettaq ukoll kwalunkwe funzjoni jew operazzjoni tal-Gvern li tiġi assenjata lilha taħt ir-Regolamenti tal-Avviż Legali 205 tal-2009 jew kwalunkwe liġi oħra[7].

[5] 5(1) Għandu jkun hemm Uffiċjal Kap Eżekuttiv li jkollu r-responsabbiltà ġenerali tat-tmexxija tal-Aġenzija u r-rappreżentanza legali tagħha.
5(2) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jiġi maħtur direttamentmill-Ministru minn fost uffiċjali pubbliċi jew minn fost persuni li f'kull każ, fl-opinjoni tal-Ministru, għandhom tagħrif u esperjenza f'affarijiet relatati mal-asil u persuni li jfittxu l-asil, u l-kariga tagħhom għandha tiġġedded kull tliet snin:
[6] Regolament 5(1) tal-Avviż Legali 205 tal-2009.
[7] Ara regolament 3 tal-Avviż Legali 205 tal-2009.

Għaldaqstant, dan kollu stabbilit, jikkonsegwi illi l-imputat, li kien ingaġġat fil-kariga ta' Kap Eżekuttiv ta' entita' governattiva, kien qed iwettaq dmir impost mil-liġi għall-amministrazzjoni ta' parti tas-setgħa eżekuttiva tal-Gvern u dan fit-termini tal-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali. Din l-imsemmija dispożizzjoni ġenerali tagħti tifsira ġenerali ta' "*uffiċjal pubbliku*" bħala: '*l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, ... wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra*.'

Dan kollu stabbilit, il-Qorti sejra tistħarreġ kull allegat każ ta' użu ħażin ta' fondi pubbliċi, u l-provi relattivi, *seriatim.*

Iżda, sejra teskludi minn dan l-istħarriġ il-provi marbutin speċifikatament mal-episodju tal-bdil tas-serratura tal-garaxx tar-residenza tal-imputat, u l-episodju tal-ħlas tal-ispejjeż għal kors li l-imputat kien attenda diġitalment a spejjeż tal-Aġenzija, għaliex dawn il-Prosekuzzjoni ddikjarat espressament waqt it-trattazzjoni finali tal-kawża, illi f'dawn iż-żewġ episodji ma jiffiguraw ebda wieħed mir-reati addebitati lill-imputat u li ma jirrientrawx fl-iskop tal-imputazzjonijiet odjerni.

**Rimbors ta' Spejjeż ta' Ikla**

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat ġie rifuż is-somma ta' €38.75 mill-petty cash tal-Aġenzija, kontra riċevuta li ġie preżentatat minnu għall-ħlas ta' ikla fir-restaurant Mamma Mia[8].

Emanuel Micallef xehed[9] illi l-Aġenzija ħarġet il-fondi biex tirrimborsa lill-imputat l-ammont indikat fir-riċevuta. Hu niżżel il-kliem "*For CEO*" li jidher fuq ir-riċevuta biex ifisser li kien l-imputat li ppreżenta r-riċevuta għal rimbors mill-petty cash. Ix-

---

[8] Ara xhieda ta' Maria Zammit, tal-11 ta' Jannar 2023. Maria Zammit ikkonfermat illi r-riċevuta Mamma Mia ġiet imħallsa mill-petty cash – riċevuta Dok. MZ3.

[9] Xhieda tal-4 ta' Novembru 2021.

xhud ikkonferma li minkejja li l-ispiża ma kienetx waħda li kienet tirrientra fl-iskop ta' petty cash, ma ħassux komdu jikkonfronta lill-imputat dwar ir-rimbors mitlub minnu, għaliex l-imputat kien il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija li kien ferm iktar imlaħħaq minnu.

Ir-raġuni li ngħatat lill-Aġenzija għar-rimbors tal-ispiża jirriżulta min-nota li akkumpanjat ir-riċevuta "*Lunch with Amanda Vella Coordinator Compensation Meal*" iżda Amanda Vella, meta xehdet quddiem il-Qorti[10], ikkonfermat illi hija qatt ma marret fil-post indikat fir-riċevuta. Ix-xhieda tagħha ma ġiex kuntrastat jew kontradett bl-ebda mod, ħlief li l-imputat kien stqarr waqt l-interrogazzjoni li l-persuna in kwistjoni kienet "*iffrankat lill-Aġenzija ... eluf kbar ta' euros*" u kien ħariġha tiekol biex jikkumpensaha u żied li kien taha wkoll voucher ta' €100, liema voucher ukoll kien ġie mħallas mill-fondi tal-Aġenzija. Madankollu, id-difiża ma ressqet ebda provi biex tissostanzja l-allegazzjoni li Amanda Vella kienet iffrankat lill-Aġenzija eluf ta' euro, u li għalhekk, il-kumpens imħallas mill-Aġenzija permezz tal-ikla kien ġustifikat.

Il-Qorti tosserva illi meta xehed quddiem il-Qorti, l-imputat bidel radikalment il-verżjoni tiegħu. Filwaqt li reġa' saħaq li Amanda Vella "*kienet outstanding in her work*" u kkonferma wkoll li kien ħallas għall-ikla minn butu, xehed illi kuntrarjament għal dak li niżżel fuq ir-riċevuta, huwa ma kienx ħareġ jiekol lil Amanda Vella iżda ma' ċertu Ishmael Khalil, il-kap tal-UNCHR li kien persuna prominenti fil-qasam tal-immigrazzjoni u kien iltaqa' miegħu in konnessjoni ma' xogħolu u fl-interess tal-AWAS u mhux għall-interess personali tiegħu. Xehed illi madankollu, peress li ma kienx awtorizzat mis-segretarju permanenti biex juża l-flus tal-Aġenzija biex iħallas għal ikliet, ħlief ikliet mal-impjegati tal-Aġenzija, u s-segretarju permanenti kien qallu espressament li ma setax joħroġ nies oħrajn jieklu a spejjeż tal-Aġenzija, huwa ddeċieda li jisfida l-istruzzjonijiet mogħtija lilu għaliex ma kienx jaqbel magħhom, u għalhekk kien ippreżenta r-riċevuta għar-rifużjoni mill-petty cash bħala riċevuta ta' ikla ma' Amanda Vella li kienet impjegata tal-Aġenzija.

---

[10] Xhieda tal-4 ta' Novembru 2021.

Apparti l-fatt li l-imputat ma ressaq ebda prova kwalsiasi biex jissostanzja l-allegazzjoni li l-ispejjeż in diżamina saru fl-interess tal-Aġenzija ma' persuna importanti fis-settur, il-Qorti hija pjenament sodisfatta illi l-imputat, meta falzament iddikjara permezz ta' notament fuq ir-riċevuta li l-ispejjeż tal-ikla saru biex jikkumpensa lil impjegata tal-Aġenzija, meta *ex admissis* kien jaf li dan ma kienx minnu għaliex skont kif xehed huwa stess, kien ħareġ jiekol persuna li ma kienetx impjegata tal-Aġenzija u kien jaf li fiċ-ċirkostanzi ma setax jitlob ir-rifużjoni tal-ispejjeż mingħand l-Aġenzija, kien qed jagħmel użu ħażin mill-fondi tal-Aġenzija.

Jirriżulta mix-xhieda li l-imputat ġie rifuż minn fondi pubbliċi l-ispejjeż tal-ikla fl-ammont indikat fuq ir-riċevuta - liema spejjeż ma jirriżultax li kienu relatati mal-amministrazzjoni tal-Aġenzija jew spejjeż tal-operazzjoni u kapitali - mhux biss bis-saħħa tad-dikjarazzjoni falza li għamel fuq ir-riċevuta bil-kliem "*lunch with Amanda Vella ... Compensation meal*", iżda wkoll għaliex inqeda bil-kariga tiegħu bħala Kap Eżekuttiv. L-imputat innifsu xehed illi huwa kien għarraf lil Amanda Vella li kien sejjer jitlob ir-rimbors tal-ispejjeż tal-ikla bl-iskuża li ħareġ jiekol magħha. Il-fatt li l-imputat seta' ma qabilx mal-ordnijiet lilu mogħtija mis-segretarju permanenti in konnessjoni mar-rimbors o meno tal-ispejjeż ta' ikliet, huwa immaterjali għaliex l-imputat, bħala l-kap tal-Aġenzija, kien marbut sabiex josserva l-ordnijiet mogħtija lill-Aġenzija mill-Ministru u ma jużax il-fondi pubbliċi li l-amministrazzjoni tagħhom ġiet fdata lilu, għal skop li jmur lil hinn mil-bżonnijiet tal-istess Aġenzija u għall-interess jew gwadann personali tiegħu.

**Ħlas għal Servizzi Prestati għal Skop Personali**

Illi mill-provi jirriżulta illi Charles Ankuma kien ingaġġat mill-Aġenżija biex jagħmel xogħol ta' tindif fiċ-Ċentru ta' Ħal Far immexxi mill-Aġenzija. Mill-provi jirriżulta li d-doveri tiegħu kienu ċirkoskritti għat-tindif tal-partijiet komuni taċ-Ċentru ta' Ħal Far u kien jitħallas mill-Aġenzija bir-rata ta' €4 fis-siegħa. Il-ħlas għas-servizzi tiegħu

kien isir wara li l-*attendance sheet* iffirmat minnu kien jintbagħat lid-dipartiment tal-finanzi tal-istess Aġenzija fl-aħħar ta' kull xahar, biex il-ħlas jiġi approvat.

Charles Ankuma xehed illi huwa kien ġie mitlub mill-imputat biex inaddaflu d-dgħajsa tiegħu fuq tliet ijiem, 14, 15 u 17 ta' Ġunju 2017. Kien ġie jiġbru bil-karozza t-tifel tal-imputat minn ġewwa Ħal Far Tent Village fejn kien joqgħod, u kien ħadu ġewwa post mimli bid-dgħajjes. Iżda fis-17 ta' Ġunju 2017 kien ġabru miċ-Ċentru ta' Ħal Far u kienu wassluh lura fiċ-Ċentru fl-4.00 p.m. Charles Ankuma xehed illi hu ma kienx ġie mħallas mill-imputat għax-xogħol li wettaq fuq it-tliet ijiem imsemmija. Ikkonferma wkoll li l-imputat qatt ma talbu jiffirma fuq l-attendance sheet tal-Aġenzija għal dawk it-tliet ijiem li ħadem fuq id-dgħajsa tiegħu, iżda ma qallux lanqas biex ma jniżżilx, kif dejjem jagħmel, is-sigħat tax-xogħol li kien ħadem f'dawk it-tliet ijiem. Spjega wkoll illi kien iffirma l-attendance sheet biss fis-17 ta' Ġunju 2017 għaliex kien ħadem dawk is-sigħat inaddaf id-dgħajsa tal-imputat, iżda ma jiftakarx għaliex ma kienx iffirma l-attendance sheet għas-sigħat li ħadem fl-14 u fil-15 ta' Ġunju 2017. Ċaħad ukoll li kien irċieva pagament fis-somma ta' €150 mingħand iben l-imputat jew mingħand xi ħaddieħor u insista li hu ma kienx irċieva ebda ħlas mingħandhom għal dawk it-tliet ijiem xogħol.

Marisa Ciappara, *senior administrator* fl-Aġenzija, b'referenza għaċ-*cheques* li jidhru f'Dok. WB4[11] ikkonfermat li dawn inħarġu mill-Aġenzija biex jitħallas Charles Ankuma għal xogħol ta' tindif fiċ-Ċentru, u jinsabu ffirmati mill-Kap Eżekuttiv, l-imputat, u s-*senior manager*[12].

Christopher Camilleri, Unit Leader mal-Aġenzija xehed[13] illi huwa kien iffirma l-*attendance sheet* ta' Charles Ankuma għax-xahar ta' Ġunju 2017[14] għajr għall-ħinijiet tax-xogħol li ddikjara li ħadem fl-14, il-15 u s-17 ta' Ġunju 2017, u dan għaliex sostna

---

[11] Cheque 163 – Charles Ankuma - €832 31st July 2017.
[12] Ikkonfermat li t-time sheet Dok. WB5 kien jiffirmah Chris Camilleri, co-ordinator tal-Hal Far Tent Village.
[13] 4 ta' Novembru 2021.
[14] Dok. WB5, paġna 21 tal-atti tal-kumpilazzjoni. Ara wkoll l-attendance sheet li jinżamm fl-uffiċċju ta' Christopher Camilleri, iffirmat minn Charles Ankuma stess, Dok. WB11, li abbażi tiegħu inħareġ id-dokument WB5.

illi Charles Ankuma kien qallu li f'dawk il-ġranet kien ħadem mhux fl-Aġenzija iżda kien imqabbad mill-imputat jagħmillu xi xogħol fuq id-dgħajsa privata tiegħu. Xehed illi madankollu, ic-*cheque* fis-somma ta' €832 (Dok. WB4) li jirrappreżenta l-ħlas li sar lil Charles Ankuma għax-xahar ta' Ġunju 2017, jinkludi wkoll il-ħlas għas-sigħat fuq dawn it-tliet ġranet li huwa ma kienx approvahom[15].

Il-Qorti rat l-atti u taqbel illi s-somma ta' €832 imħallas mill-Aġenzija lil Charles Ankuma għas-sigħat li ħadem matul ix-xahar ta' Ġunju, 2017 - b'kollox mitejn u tmien (208) sigħat – evidentement jinkludu s-sigħat, 26 b'kollox, li mhux kontestat li Charles Ankuma ma ħadimx fiċ-Ċentru tal-Aġenzija ġewwa Ħal Far, iżda ħadem ġewwa Ħolma Garage il-Kalkara jnaddaf id-dgħajsa privata tal-imputat.

L-imputat, fl-istqarrija li rrilaxxa waqt li kien qed jiġi interrogat fit-23 ta' Ġunju 2021, stqarr li meta kien Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija kien qabbad persuna barranija biex jixkatla l-qiegħ tad-dgħajsa tiegħu li kienet qiegħda tinżamm ġewwa Ħolma Boat Storage, iżda ċaħad li din il-persuna kienet taħdem mal-Aġenzija u titħallas mill-Aġenzija, u insista li kien refuġjat. Imbagħad, meta ġie muri l-*attendance sheet* iffirmat minnu, qal li Charles Ankuma ma kienx imqabbad biex jaħdem b'mod legali.

L-imputat sostna illi għat-tliet ijiem xogħol li Charles Ankuma għamel fuq id-dgħajsa kien għadda €120 f'kontanti lil ibnu biex iħallsu. Iżda kkonferma li kien iffirma c-*cheque* fl-ammont ta' €832 li nħareġ mill-Aġenzija bħala ħlas lil Charles Ankuma għas-sigħat ta' xogħol li ħadem matul ix-xahar ta' Ġunju 2017 kompriż is-sigħat li ħadem fuq id-dgħajsa privata tiegħu.

Imbagħad, fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, l-imputat iddikjara li meta kien iffirma c-*cheque* għall-ħlas tal-paga ta' Charles fis-somma ta' €832, ma kienx jaf li dik is-

[15] Filwaqt li ġie ppruvat li l-imputat kellu dgħajsa reġistrata f'ismu fiż-żmien tar-reati (xhied Michael Savona) u mix-xhieda jirriżulta li l-pompa li nxtrat minn Erectic Limited fil-21 ta' Ġunju 2017 hija għall-użu fuq dgħajsa jew camper, Charles Vella kkonferma fix-xhieda tiegħu illi x-xogħol tal-Aġenzija mhuwiex marbut mad-dgħajjes u ma jirriżultax illi l-Aġenzija effettivament kellha dgħajjes reġistrati f'isimha.

somma kienet tinkludi fiha l-ammont dovut għas-sigħat ta' xogħol. Sostna wkoll li kien ħareġ is-somma ta' €120 u għaddihom lil ibnu biex iħallas lil Charles Ankuma tas-sigħat tax-xogħol li kien għamel jaħdem fuq id-dgħajsa tiegħu.

Il-Qorti mingħajr tlaqliq tgħdi li ma temminx lill-imputat, li ma kienx konsistenti fil-verżjonijiet tiegħu fir-rigward il-fatti tal-pagament lil Charles Ankuma. Ibda biex l-imputat u ibnu jikkontradixxu lil xulxin, fejn filwaqt li l-imputat xehed li hu kien għadda lil ibnu flus kontanti, Luke Vella Baldacchino xehed li kien ħallas lil Charles €30 żejda minn butu u missieru kien irrifondih il-flus permezz ta' Revolut. Kien l-iktar ħaġa faċli, ġaladarba qed jiġi allegat li teżisti evidenza tat-transazzjoni, li tinġieb prova tat-transazzjoni fuq Revolut iżda l-imputat baqa' ma ssostanzja bl-ebda mod l-allegazzjoni li huwa ħallas lil Charles Ankuma għal xogħol li qabbdu jahdem għalih personalment.

Barra minn hekk, tqis illi ġaladarba l-imputat kien jaf tajjeb li tliet ijiem mix-xahar ta' Ġunju 2017 Charles Ankuma ma kienx ħadimhom fl-Aġenzija, għaliex kien imqabbad sewwasew fuq xogħol personali tiegħu stess, huwa raġjonevoli li wieħed jistenna li huwa jassigura li l-pagament li kien qed jawtorizza għan-nom tal-Aġenzija lil Charles Ankuma għax-xahar ta' Ġunju 2017, ma kienx jinkludi wkoll pagament għal dawk it-tliet ijiem xogħol.

Ma ġiex eskluż mill-provi li l-imputat kien ġie muri l-kalkoli tal-ammont dovut lil Charles Ankuma abbażi tas-sigħat ta' xogħol maħduma: għall-kuntrarju, (i) ix-xhieda ta' Christopher Camilleri, li kkonferma li huwa kien għamel is-slaleb (asterix) fuq Dok. WB5[16] fejn ma kienx iffirma b'approvazzjoni il-ġranet li Charles Ankuma ħadem fuq id-dgħajsa privata tal-imputat (Dok. WB5), u rrifjuta li japprova s-sigħat relattivi ta' xogħol billi għamel in-notament fuq id-dokument biex dawn jiġu approvati mill-imputat innifsu, u fuq kollox (ii) l-oriġinal tan-notament fuq Dok. MZ1[17] iffirmat minn Chris Camilleri riferibbilment għac-*cheque* bin-numru 165, ċioe' c-*cheque* għall-

[16] L-orġinal huwa Dok. MZ2.
[17] Paġna 242 tal-atti tal-kompilazzjoni.

ħlas lil Charles Ankuma għax-xahar ta' Ġunju 2017, ikomplu jikkonvinċu lill-Qorti li l-imputat ma setax ma kienx jaf li l-pagament li awtorizza li jsir favur Charles Ankuma fis-somma ta' €832 għax-xahar ta' Ġunju 2017, kien jinkludi l-pagament tal-ġranet tax-xogħol li ħadem għalih personalment u kien qed jintalab jerfa' huwa stess ir-responsabbilita' għal dan il-pagament mill-fondi tal-Aġenzija.

Il-Qorti tqis illi mhux raġjonevoli l-ipotesi li l-imputat awtorizza l-ħlas tac-*cheque* fil-għama u mingħajr ma kien jaf x'kien qed jiġi mħallas, wisq inqas meta stqarr huwa stess li din kienet l-ewwel darba li kien qabbad lil Charles Ankuma jaħdem fuq xogħol privat tiegħu u fuq kollox, meta skont hu, kien diġa' ħallas lil Charles Ankuma minn butu s-somma ta' €120 jew €150 għal dak l-istess xogħol, f'liema każ wieħed jistenna, raġjonevolment, li kien joqgħod attent li l-persuna ma jiġix imħallas darbtejn għall-istess xogħol, iktar u iktar mill-flus tal-Aġenzija u *multo magis* meta jirriżulta li kien inġibditlu l-attenzjoni b'mod speċifiku li s-sigħat ta' xogħol li Charles Ankuma ħadem fuq id-dgħajsa tiegħu l-attenzjoni tiegħu kieu jeħtieġu l-approvazzjoni espress tiegħu.
.
F'kull każ, il-Qorti lanqas m'hi konvinta sal-grad tal-probabbli li tassew l-imputat kien ħallas xi flus minn butu lil Charles Ankuma. Fix-xhieda tiegħu, Charles Ankuma dejjem ċaħad konsistentement li l-imputat kien ħallsu għax-xogħol li kien għamel fuq id-dgħajsa li kien irċieva xi flus mingħandu jew mingħand ibnu u ma saret ebda prova tal-ħlas jew ta' parti minnu.

Il-fatt jibqa' li l-imputat approva l-ħlas mill-fondi tal-Aġenzija għal xogħol li kien sar fl-interess u għall-bżonnijiet personali tiegħu stess, meta ffirma c-cheque għall-ħlas lil Charles Ankuma mill-fondi tal-Aġenzija għall-ħidma tiegħu fix-xahar ta' Ġunju 2017 kompriż ħlas għas-sigħat li kien ħadem fuq id-dgħajsa tiegħu. Dan fil-fehma tal-Qorti jikkostitwixxi użu ħażin tal-fondi tal-Gvern magħmul xjentement, fondi li ġew imdawrin biex l-imputat jiffranka l-ħlas minn butu għax-xogħol li wettaq Charles Ankuma għalih personalment, f'ċirkostanzi fejn l-imputat ma setax ma kienx jaf li parti mill-flus imħallas lil Charles Ankuma għax-xahar ta' Ġunju 2017 kien qed jitħallas għal xogħol li ma sarx fiċ-Ċentru li jaqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Aġenzija.

Kollox magħdud u fil-qies tal-ġabra tal-provi u l-inkonsistenza tal-verżjoni tal-imputat, li ma tax spejgazzjonijiet konvinċenti fuq bażi ta' probabbilita' u l-fatt li ċ-ċaħdiet tiegħu ġew kontradetti mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad meħtieġ, l-elementi kollha tar-reat ta' storn, fejn il-ħaġa stornata li kienet taħt idejn l-imputat, huma l-flejjes pubbliċi mogħtija lill-Aġenzija mill-Gvern, liema flejjes l-imputat kien responsabbli għall-amministrazzjoni tagħhom.

**Użu Ħażin ta' Mobbli appartenenti lill-Aġenzija**

Brian Zammit, Senior Technical Officer mal-AWAS, xehed li l-Aġenzija kienet xtrat żewġ shower trays, wieħed minnhom kellu jeħel fiċ-Ċentru tal-Aġenzija fil-Marsa u l-oħra fil-workshop[18]. Xehed ukoll li l-imputat kien talbu biex jieħu wieħed mix-shower trays għalih innifsu u filwaqt li ċaħad li kien hu li kien offra dan ix-shower tray lill-imputat, ikkonferma illi kien l-imputat li kien talab biex wieħed mix-shower trays li kienu nxtraw mill-Aġenzija, għall-użu tiegħu. Xehed illi flimkien ma' Horace Camilleri, ħaddiem tal-Aġenzija, kienu ħadu dan is-shower tray fuq struzzjonijiet tal-imputat fiċ-Ċentru tal-Fgura (Dar il-Liedna), fejn hemmhekk din tgħabbiet fil-karozza uffiċjali li kienet tintuża mill-imputat bħala Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija. Wara ftit taż-żmien, l-imputat kien qallu li ma setax isib lil min seta' jwaħħal ix-shower tray li kien ħa mingħand l-Aġenzija, u hu kien offra li jagħmel dan ix-xogħol hu stess bil-ħaddiema tal-Aġenzija. Għalhekk, darba minnhom, kien nhar ta' Sibt meta ma kienux xogħol, kien mar fid-dar tal-imputat flimkien ma' żewġ ħaddiema tal-Aġenzija, Horace Camilleri u Raymond Schembri u għamlu x-xogħol ta' twaħħil tax-shower tray. Ma kienux aċċettaw li jitħallsu peress li l-imputat kien il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija u Brian Zammit innega li l-imputat kien attwalment ħareġ xi flus jew offrilhom ammont ta' flus speċifiku.

Din il-verżjoni tal-fatti ġiet ikkonfermata *in toto* minn Raymond Schembri u Horace Camilleri li xehdu illi kienu marru nhar ta' Sibt fir-residenza tal-imputat, fejn

---

[18] Ara wkoll xhieda ta' Horace Camilleri.

hemmhekk kienu sabu x-shower tray li kienu għabbew fil-karozza tal-imputat ftit taż-żmien qabel, u kienu waħħluha fl-istess residenza. Ġie stabbilit ukoll mix-xhieda tal-imsemmija tliet ħaddiema tal-Aġenzija illi għalkemm l-imputat ried iħallashom għal dan ix-xogħol, ma kienux ħadu flus għaliex huwa kien il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija.

Anthony Friggieri, ix-xufier tal-Aġenzija, ikkonferma fix-xhieda tiegħu li kien ra shower tray bħal dawk murija fir-ritratti Dok. JL1 Sa Dok. JL8, tiġi mpoġġija minn xi persuni li jaħdmu fil-manutenzjoni tal-Aġenzija, fil-karozza tal-Aġenzija li kienet tintuża mill-imputat. Dakinhar, il-karozza kienet ipparkjata barra ċ-Ċentru tal-Aġenzija ġewwa Dar il-Liedna, il-Fgura.

Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat, riferibbilment għall-materja tax-shower tray, iddikjara illi kien kellem lil Head of Maintenance tal-Aġenzija, Brian Zammit, dwar il-problema li kellu fix-shower fir-residenza tiegħu u Brian kien offra li jiġi jagħtih titwila. Meta kien mar għandu, sab li x-shower tray kellu jinqala' għaliex kien hemm ilma jnixxi minn taħtu. L-imputat stqarr li Brian Zammit kien qallu li seta' jixtrilu shower tray għall-prezz ta' €100 mingħand tal-ħanut, u kien offra wkoll li jagħmel ix-xogħol ta' twaħħil hu stess. Qal ukoll li meta sar ix-xogħol ta' twaħħil, kien ħareġ mitt Euro mill-kartiera u offrihom lil Brian u lill-ħaddiema li ġab miegħu mill-Aġenzija waqt il-ħin tal-break tagħhom. Filwaqt li ma jiftakarx jekk kienx ħallashom, jiftakar b'ċertezza li kien tahom flixkun whiskey bħala kumpens. Fl-istess stqarrija l-imputat ċaħad li x-shower tray kien tpoġġa fil-bagoll tal-karozza tal-Aġenzija li kien jagħmel użu minnha u ċaħad ukoll li bħala Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija kellu xufier.

Mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jirriżulta li kien ġie mwaħħal shower tray fir-residenza privata tal-imputat u ġie ppruvat ukoll illi huwa l-istess mudell ta' shower tray bħal dak li kien imwaħħal fiċ-Ċentru tal-Aġenzija tal-Marsa[19]. Ġie ppruvat ukoll li dan ix-shower tray kien wieħed minn żewġ shower trays identiċi li nxtraw mill-

[19] Ara xhieda ta' PC 524 James Lomax, xhieda tas-16 ta' Diċembru 2021 u ritratti Dok. JL1 sa JL8.

Aġenzija bl-approvazzjoni tal-imputat innifsu fis-7 ta' April 2017[20] mingħand Ray's Hardware Ltd.

Il-Qorti ma temminx lill-imputat meta stqarr illi x-shower tray ma kienx tal-Aġenzija u li kienu xtrawha l-ħaddiema tal-AWAS. Kieku dan huwa minnu, il-Qorti tistenna, mill-inqas, li l-imputat joħroġ minn qabel il-prezz tal-aċċessorju jew li jirrifondi dan il-prezz lill-ħaddiema, u m'huwiex raġjonevoli t-teżi tiegħu li l-impjegati tal-Aġenzija ħarġu l-prezz ta' €100 minn buthom u rrifjutaw li jiġi rimborsati. Il-Qorti temmen illi l-impjegati, kif del resto xehdu quddiemha, irrifjutaw li jitħallsu għal *mano d'opera* tagħhom, mhux xi spejjeż li ġie allegat li ħarġu minn buthom. Ma tistax ma tosservx il-kontradizzjoni bejn il-verzjoni tal-imputat fl-istqarrija tiegħu, fejn stqarr li ma kienx jaf jekk kienx ħallas lil Brian Zammit il-prezz ta' dan l-aċċessorju li suppost kien xtrah bi flusu, u x-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, fejn sostna li kien ħareġ €100 f'kontanti biex iħallas lill-ħaddiema l-prezz tax-shower tray li kienu ġabu u waħħlu fid-dar tiegħu, iżda ma riedux jieħdu flus mingħandu u għalhekk kien xtralhom hamper fil-Milied.

Għalkemm ic-*cheque* maħruġ minn AWAS favur Ray's Hardware Ltd ma kienx instab, Maria Zammit, senior manager tal-finanzi tal-Aġenzija, xehdet illi l-pagament tal-invoice relattiv (Dok. MZ4) kien sar mill-Aġenzija[21].

Kif taraha l-Qorti, ix-shower tray kien mobbli li jappartjeni lill-Aġenzija mixtri bi flejjes tal-Gvern, u l-imputat kien fdat minħabba l-kariga tiegħu li jassigura li dan l-aċċessorju jiġi applikat għall-bżonnijiet tal-Aġenzija li għalihom kien inxtara. Iżda minflok, meta ordna li dan l-aċċessorju jitwaħħal fir-residenza privata tiegħu fejn ma setax, għalhekk, iservi l-bżonnijiet tal-Aġenzija, huwa applika l-aċċessorju għall-gwadann privat tiegħu. Tabilħaqq il-provi juru konklussivament illi dan l-aċċessorju ġie istallat fir-residenza tal-imputat. F'dawn iċ-ċirkostanzi huma ravviżabbli l-elementi kollha tar-reat ta' storn għaliex l-imputat, impjegat jew uffiċjal pubbliku,

[20] Ara invoice Dok. MZ4, paġna 248 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[21] Żewġ shower trays – prezz totali €361.40.

seraq għall-vantaġġ personali tiegħu ħwejjeġ mobbli fdati lilu minħabba l-kariga tiegħu.

Ikkunsidrat;

Jirriżulta wkoll mill-provi illi l-imputat kien talab lil Raymond Theuma biex isibulu żewġ tubi għand l-Aġenzija biex dawn jitwaħħlu fid-*drive-in* tar-residenza privata tiegħu. Kienu ġew identifikati żewġ tubi fil-maħżen tal-Aġenzija, li ma kienux ġodda u ma kienux sejrin jerġgħu jintużaw għaliex kienu nqalgħu mill-kabini l-antiki tal-Ħal Far Open Centre u ma kienx hemm iktar użu għalihom[22], u dawn ġew imwaħħlin fir-residenza tal-imputat minn tliet ħaddiema tal-Aġenzija, Raymond Schembri, Horace Camilleri u Brian Zammit waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom mal-Aġenzija.

Da parti tiegħu, l-imputat sostna illi kien Brian Zammit li kien issuġġerixxa li jitwaħħlu żewġ tubi fil-garaxx u kien offra li jġibhom kif ukoll iwaħħalhom hu stess. Meta xehed iżda, l-imputat qal li kien hu li kien talab lil Raymond Theuma jekk setax jieħu żewġ tubi li kienu għar-rimi u hu kien aċċetta.

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa x-xhieda, fehmet illi t-tubi di proprjeta' tal-Aġenzija li ġew imwaħħlin mill-impjegati tal-Aġenzija fil-fond tal-imputat fuq talba tiegħu, kienu għar-rimi u ma kienx hemm iktar użu għalihom u għalhekk, minn dan il-lat ma tqisx illi jeżistu l-estremi biex l-imputat jinsab ħati li seraq ħwejjeġ mobbli li ġew fdati lilu minħabba l-kariga tiegħu. Wara kollox, huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza illi l-kontrettazzjoni doluża tal-oġġett fir-reat ta' serq huwa newtralizzat meta l-oġġett li jittieħed mill-isfera tal-kontroll tas-sid, f'dan il-każ l-Aġenzija, ikun abbandunat jew jitqies bħala *res derelictae*.

*"Biex l-oġġett ikun jista' jitqies li huwa res derelictae dan l-oġġett irid jinstab f'ċirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oġġett*

[22] Ara xhieda ta' Raymond Theuma in kontro-eżami, 25 ta' Ottubru 2023.

*jibqa' fil-partimonju tiegħu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli."*

Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi, fejn mix-xhieda ta' Raymond Theuma huwa evidenti li ż-żewġ tubi ma kienux sejrin jerġgħu jintużaw mill-Aġenzija, kienu għar-rimi u ma kien hemm ebda użu għalihom, l-imputat ma jistax jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu seraq jew ħa għall-użu personali tiegħu dawn iż-żewġ tubi antiki, anke jekk mhux kontestat li dawn it-tubi ġew imwaħħlin mill-ħaddiema tal-Aġenzija fir-residenza personali tiegħu. Barra minn hekk, ma jirriżultax b'mod konklussiv mill-provi illi dawn it-tubi ġew imwaħħlin waqt il-ħin tax-xogħol tal-istes ħaddiema mal-Aġenzija.

**Xiri ta' Pompa, Żebgħa, Pipe bi Flus tal-Aġenzija**

Brian Zammit xehed ukoll li l-imputat kien ċempillu biex imur jixtrilu pompa u kien mar għandu biex jagħtih l-ispecifications tagħha. Qallu wkoll biex jiġbor *cheque* mis-sezzjoni tal-accounts tal-Aġenzija. Huwa kien mar jiġbor ic-*cheque* u kien mar flimkien ma' Maurice Camilleri u Raymond Schembri biex jixtru din il-pompa u mbagħad ta r-riċevuta lis-sezzjoni tal-accounts filwaqt li l-pompa taha lill-imputat personalment.

Xehed ukoll li f'okkażjoni oħra l-imputat kien ċempillu biex imur l-uffiċċju tiegħu l-Furjana u meta mar, kien tah l-ispecifications ta' stainless steel pipe u talbu biex jixtrihulu. Dan il-pipe kien mar jixrih flimkien ma' Horace Camilleri[23] u fuq struzzjonijiet tal-imputat kien ikkonsenjaha direttament fid-dar tiegħu ġewwa Birkirkara għaliex kienet pjuttost twila, u kien ta r-riċevuta lis-sezzjoni tal-accounts tal-Aġenzija.

[23] Ara xhieda ta' Horace Camilleri.

Brian Zammit xehed wkoll li l-imputat kien talbu jixtrilu wkoll xi żebgħa u kien mar flimkien ma' Horace Camilleri biex jixtri ż-żebgħa b'*cheque* li kien inħareġ mill-Aġenżija, u ż-żebgħa kien ħalliha fil-karozza personali tal-imputat filwaqt li kien ta r-riċevuta lis-sezzjoni tal-Accounts tal-Aġenzija[24].

Da parti tiegħu, l-imputat, fl-istqarrija tiegħu ċaħad li kien talab lill-ħaddiema tal-Aġenzija biex jixtrulu pompa (*gear pump*) u żebgħa għall-użu fuq id-dgħajjes u ddikjara li ma jiftakarx lanqas li kien talabhom jixtrulu stainless steel pipe li kienet ġiet imwaħħla mill-istess ħaddiema tal-Aġenzija fir-residenza privata tiegħu.

Iżda fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti l-imputat qal li jiftakar li kien qabbad il-ħaddiema jixtrulu gear pump iżda ċaħad li kien tahom l-ispecifications tal-pompa u insista wkoll li kien ħallas il-prezz lura. Sostna li mhux l-ewwel darba li kien jitlob lill-ħaddiema jixtrulu xi materjal u mbagħad kien jirranġa magħhom u mhux l-ewwel darba lanqas li kien jinsa jħallashom u kienu jfakkruh huma stess.

Madanakollu, Brian Zammit fix-xhieda tiegħu kkonferma illi l-imputat qatt ma tah il-flus minn butu biex jixtrilu l-materjal jew għodda li kien jitolbu jmur jixtrilu. Barra minn hekk, l-imputat fil-kontro-eżami stqarr li jista' jkun li ma kienx ħallas lill-ħaddiema tal-Aġenzija għall-materjal u għodda li kienu xtrawlu fuq struzzjonjiet tiegħu, iżda dan biss minħabba l-fatt li kien impenjat ħafna bix-xogħol tal-Aġenzija dak iż-żmien u kien hemm bosta problemi fi ħdan iċ-ċentri għar-rifuġjati li kienu jeħtieġu l-attenzjoni kostanti tiegħu.

Mill-provi l-Qorti sabet illi tassew l-invoices tal-ħwejjeġ li nxtraw bi flejjes tal-Aġenzija iżda li ġew applikati għall-użu u l-benefiċċju personali tiegħu, kienu ġew approvati espressament bil-firma tal-imputat li kien iffirma wkoll iċ-*cheques* relattivi għall-ħlas tal-istess invoices:-

[24] Dan kollu ġie korroborat minn Raymond Theuma u Horace Camilleri.

- *Cheque* bin-numru 52 fis-somma ta' €148 maħruġ fid-19 ta' Ġunju 2017 mill-kont tal-AWAS bin-numru 40024636915 intuża biex jitħallas invoice maħruġ minn PMD Coatings Ltd (Dok. WB8). Marisa Ciappara kkonfermat li dan l-invoice kien iffirmat minnha u mill-imputat. Mix-xhieda ta' Justin Gatt, rappreżentant ta' PMD Coatings Limited jirriżulta illi ż-żebgħa li nxtrat b'invoice datat 19 ta' Ġunju 2017, tintuża għall-anti-fouling tal-hull tad-dgħajjes.

- Invoice maħruġ minn Erectic Limited (Dok. WB6) iffirmat bħala approvat għall-ħlas, minn Marisa Ciappara u l-imputat, ġie mħallas b'c*heque* bin-numru 56 maħruġ fil-21 ta' Ġunju 2017 mill-kont tal-AWAS għall-ħlas tal-ammont ta' €115 lil Eretic Limited

- L-invoice maħruġ minn Firm Salvatore Caruana għall-ammont ta' €84.16 (stainless steel pipe) kien imħallas mill-Aġenzija permezz ta' *cheque* bin-numru 83 fis-somma ta' €84.16 maħruġ fl-10 ta' Lulju 2017 (Dok. MZ6).

Il-Qorti tosserva illi l-imputat ma ġabx prova li kien ħallas lura l-prezz tal-pompa u lanqas inġiebet prova tar-rifużjoni lill-Aġenzija tal-prezz tal-pipe u ż-żebgħa tad-dgħajjes, liema materjal u tagħmir ġie ppruvat li l-prezz tagħhom tħallas mill-fondi tal-Aġenzija iżda kienu ġew ikkonsenjati lill-imputat personalment u ma kienux għall-użu tal-Aġenzija[25].

L-imputat kien wieħed mill-persuni li kellu l-awtorita' japprova l-ħlas tal-ispejjeż tal-Aġenzija kif ukoll għall-ħlas tal-impjegati tal-Aġenzija u kien ukoll wieħed minn żewġ firmatarji taċ-*cheques* maħruġa mill-Aġenzija għall-ħlas tal-ispejjeż minfuqa fl-amministrazzjoni tal-affarijiet u bżonnijiet tal-Aġenzija. Għall-Qorti dan ifisser li l-imputat kien fdat minħabba l-kariga tiegħu bl-amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi li kienu jiġu jitħallsu lill-Aġenzija mill-Gvern mill-Fond Konsoldiat għat-twettiq tal-

[25] Raymond Theuma ukoll fix-xhieda tiegħu ċaħad li kienu ntużaw flus mill-petty cash biex jinxtraw affarijiet għall-imputat għall-użu personali tiegħu u l-imputat kien jirrifondi l-petty cash il-prezz relattiv.

funzjonijiet tagħha u għalhekk, meta awtorizza l-ħlas ta' spejjeż li huwa kien jaf li ma kienux saru għall-benefiċċju tal-Aġenzija jew fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha iżda għall-gwadann privat tiegħu stess – ċioe' l-ispejjeż li ntefqu mill-Aġenzija għax-xiri ta' pompa, żebgħa u stainless steel pipe li ġie ppruvat li ġew konsenjati lill-imputat personalment, jiffigura l-element tal-użu ħażin minn fondi pubbliċi u fil-każ tax-shower tray, is-serq ta' ħwejjeġ mobbli fdati lilu minħabba l-kariga tiegħu ta' Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-vantaġġ privat tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi kif diġa' ġie stabbilit, huwa ppruvat li l-imputat huwa uffiċjal pubbliku. Fil-fatt, ġie mixli taħt l-artikolu 141 tal-Kap. 9. Għalhekk, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk bħala uffiċjal pubbliku l-imputat għandux jinstab ħati taħt l-artikolu appena msemmi li jkun ifisser li l-piena applikabbli għar-reati li jinstab ħati dwarhom tiġi miżjuda mandatorjament bi grad. Kif diġa' ġie stabbilit, l-imputat, meta wettaq ir-reati, kien qed jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' uffiċjal pubbliku u jeżerċita dmirijiet uffiċjali jew marbutin mal-funzjonijiet pubbliċi tiegħu.

L-artikolu 141 tal-Kap, 9 jiddisponi:-

"*Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.*"

L-interpretazzjoni paċifika fil-ġurisprudenza in materja tal-iskop tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni legali hi fis-sens illi l-piena għandha tiġi miżjuda f'kull każ fejn uffiċjal jew impjegat pubbliku jinstab ħati ta' kull reat, **minbarra r-reati li wieħed mill-elementi materjali kostituttiv tagħhom hu l-karattru ta' uffiċjali jew impjegat pubbliku tal-aġent tar-reat**. Kif ġie stabbilit diġa', l-imputat sejjer jinstab

ħati tar-reat ta' storn taħt l-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali li wieħed mill-elementi kostituttivi tiegħu huwa l-kariga ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku tal-imputat. Għaldaqstant, l-artikolu 141 ma jistax jiġi applikat in kwantu għas-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 127 tal-Kap. 9.

Madankollu, u korollari ta' dak appena kkunsidrat, huwa l-fatt illi meta kull reat ieħor minbarra dawk appena msemmija, jiġi mwettaq minn uffiċjal pubbliku li "*kellu jissorvelja biex* (ir-reat) *ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi*", il-piena għandha tiġi miżjuda bi grad bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 tal-Kap. 9.

Il-Prof. Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk:-

*"Thus, the members of the Police Force whose duty, by law, it is to prevent offences and to provide for their punishment, if they render themselves guilty of any offence, they cannot escape this aggravation in punishment.* ***Similarly, other public officers in respect of specific offences which they are appointed to prevent or repress****, as for instance, Customs guards or officers in regard to Customs offience. Nor is it necessary to inquire whether the offence is commited by the public officer or servant 'in the discharge of his duties'. This is not required by the law ...*" (enfasi tal-Qorti)

Illi fil-fatt, l-imputat ġie mixli wkoll bir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u bir-reat minuri u alternattiv tal-frodi nnominata taħt l-artikolu 309 tal-istess Kap. 9, u kif ukoll bir-reat ta' misapproprjazzjoni.

Wara li fliet l-atti u l-provi, il-Qorti ma tqisx li jista' jinsab ħati tar-reati ta' frodi għaliex hija kjarament nieqsa fl-episodji kollha ikkunsidrati iktar qabel b'rabta mar-reat ta' storn, il-prova tal-element kostittuttiv ta' xi ingann użat mill-imputat liema ingann kien strumentali biex wassal lis-soġġett passiv tar-reat biex jagħmel telf.

Għal dak li għandu x'jaqsam speċifikatament mar-rimbors lill-imputat tal-ispejjeż tal-ikla, il-Qorti tosserva illi filwaqt li huwa minnu li jirriżulta mill-provi illi l-imputat għamel dikjarazzjoni falza bl-indikazzjoni miktuba fuq ir-riċevuta li ppreżenta lill-Aġenzija għar-rifuzjoni tal-prezz imħallas għall-ikla, huwa xorta waħda mankanti l-element tal-ingann li "*ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bill-konsegwenti qligh ghall-agent".*[26] Dan qed jingħad għaliex Emanuel Micallef xehed illi huwa kien jaf illi l-imputat ma kellux il-jedd għal rimbors għall-ispiża tal-ikla, għaliex din ma kienetx tirrientra fl-iskop tal-petty cash, iżda minkejja dan iddeċieda li jirrimborsah xorta waħda għaliex bħala l-kap tal-Aġenzija l-imputat kien is-superjur tiegħu.

Għaldaqstant, mhux ser tinstab ħtija għar-reati addebitati fit-tielet imputazzjoni.

Illi kif ingħad diġa', l-imputat huwa akkużat ukoll bir-reat ta' misapproprjazzjoni taħt l-artikolu 293 u l-artikolu 294 tal-Kap. 9.

L-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa ħati tar-reat ta' approprazzjoni indebita:-

"*Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ...*"

Imbagħad, taħt l-artikolu 294, dan ir-reat jiġi aggravat u jitmexxa *ex officio* mill-Pulizija kull:

"*..... meta d-delitt imsemmi ..... jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju.*"

---

[26] Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby**.

Illi għalhekk, l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat "*m'huwiex l-użu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan.*"[27]

L-element intenzjonali fir-reat ta' approprijazzjoni indebita jinsab fil-prova li l-imputat ikun irid jikseb vantaġġ illeċitu billi jdawwar għalih innifsu flus jew oġġetti li jkunu gew fdati f'idejh għal skop partikolari.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Attard**[28] ġie ritenut:-

"*Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*

*1. **Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffigura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq**.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

*3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

[27] **Il-Pulizija vs Joseph Muscat**, per Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.
[28] Deċiża fil-21 ta' Marzu 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

*4.* ***Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio****;*

*5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007)*". (Enfasi ta' din il-Qorti)

Illi f'sentenza oħra, din id-darba deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci**, fl-14 ta' Frar 1997, ġie mfisser bi kliem sempliċi l-elementi ta' dan ir-reat:

"*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min?* ***Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha.***

... ... ...

*F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir* ***prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur*** *u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.*" (Enfasi ta' din il-Qorti)

Illi stabbilit dawn l-elementi speċifiċi tar-reat u applikati għalihom il-fattispeċje tal-każ konkret b'rabta mal-approprjazzjoni tax-shower tray u x-xiri ta' tagħmir u materjal u l-ħlas ta' spejjeż personali bi flejjes tal-Aġenzija, il-Qorti ma tirravviżax il-konkorrenza tal-elementi kollha kostituttivi tar-reat tal-approprjazzjoni indebita.

Dan qed jingħad, in kwantu għall-approprjazzjoni tax-shower tray, għaliex il-provi jistabbilixxu konklussivament illi kien l-imputat innifsu li ta struzzjonijiet biex dan l-

aċċessorju jingħata lilu u ma jirriżultax illi l-pussess tal-aċċessorju ġie volontarjament trasmess lilu minn xi ħaddieħor li kien qed jaġixxi għan-nom tal-Aġenzija bi struzzjonijiet speċifiċi dwar l-użu li kellu jsir minnu. Wara kollox, l-imputat, bħala l-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija kellu waħdu s-setgħa rappreżentattiva tal-Aġenzija[29] u jirriżulta illi kien iddeċieda huwa stess li jieħu l-pussess ta' dan l-aċċessorju għall-benefiċċju personali tiegħu.

Fir-rigward tar-rimbors tal-ispejjeż tal-ikla, l-elementi tar-reat taħt l-artikolu 293 tal-Kap. 9 ma ġewx ippruvati għaliex il-flus għaddew lill-imputat mill-petty cash tal-Aġenzija mhux biex jagħmel użu speċifiku minnhom, iżda in linea ta' **rimbors** tal-ispejjeż li kien ħallas minn butu. Għalhekk, huwa eskluż li l-Aġenzija raddet il-flus lill-imputat taħt titolu li jimporta li jsir użu speċifikat minnu.

In kwantu, imbagħad, ix-xiri ta' tagħmir u apparat għall-użu personali tal-imputat mill-flejjes tal-Gvern imħallsin lill-Aġenzija, il-Qorti tqis illi hawnhekk ukoll huma esklużi wħud mill-elementi tar-reat tal-approprjazzjoni indebita, għaliex ebda terza persuna ma għadda lill-imputat fondi tal-Aġenzija, wisq inqas ingħaddew flus lilu minn xi ħadd li kien qed jaġixxi in rappreżentanza tal-Aġenzija, bi struzzjonijiet speċifiċi biex jixtri bihom oġġetti jew ħwejjeġ għall-użu jew benefiċċju tal-istess Aġenzija, iżda huwa uża l-flus mod ieħor. Fil-fatt, il-provi juru illi l-oġġetti konsistenti fi stainless steel pipe, żebgħa u pompa, inxtraw mill-ħaddiema tal-Aġenzija fuq struzzjonijiet diretti tal-imputat innifsu, li kien awtorizza wkoll il-pagament relattiv mill-fondi tal-Aġenzija.

Dawn l-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll għall-flus tal-Aġenzija li ntużaw biex jitħallas Charles Ankuma għal xogħol li kien għamel għall-benefiċċju privat tal-imputat: ma jirriżultax illi l-flus ingħataw lill-imputat jew ġew trasferiti lilu min terza persuna bi struzzjonijiet speċifiċi biex jagħmel bihom ħaġa speċifika, għaliex il-flus ġew imħallsin direttament lil Charles Ankuma.

[29] Regolament 3(3) tal-L.S. 217.11.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinsab ħati tar-reat ta' approprjazzjoni indebita u sejjer jiġi liberat mit-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tal-imputat li tal-eta' ta 57 sena, qatt ma kien ikkundannat għal reat kriminali. Ħadet qies ukoll tal-valur mhux daqshekk sostanzjali tal-mobbli u l-flus li jifformaw l-oġġett tar-reati kommessi minnu.

Għall-bqija, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi meta ngħata l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija AWAS, l-imputat evidentement iddeċieda li l-Aġenzija għandha titmexxa mhux biss biex jintlaħqu l-iskopijiet lilha assenjati mil-liġi, iżda biex taqdi wkoll il-bżonnijiet personali tiegħu u, b'abbuż tal-pożizzjoni tiegħu, uża sistematikament lill-ħaddiema u l-fondi tal-Aġenzija għal skopijiet personali u privati tiegħu. Kondotta bħal din hija ta' stmerrija għaliex l-imputat evidentement mexa bi ksur tal-fiduċja li ngħata biex jamministra l-fondi pubbliċi li ġew imħallsin lill-Aġenzija, fl-interess pubbliku. Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat baqa' qatt ma rrifonda lill-Aġenzija l-valur tal-oġġetti li nxtraw u l-valur tas-servizzi li tħallsu mill-fondi tagħha għall-użu jew gwadann personali tiegħu.

Għalkemm tapprezza l-fatt illi l-kariga ta' Kap Eżekuttiv hija waħda impenjattiva ħafna, fejn kien responsabbli għat-tmexxija taċ-Ċentri kollha tal-immigranti u għalhekk, seta' tassew ħass il-pressjoni tax-xogħol u ċertu ansjeta', dan ma jista' qatt jiġġustifika l-imġieba sistematika li jirriżulta mill-provi, fejn deherlu li seta' juża l-fondi tal-Gvern biex iħallas għall-bżonnijiet personali tiegħu. Fi kwalsiasi każ, iċ-ċertifikati u rapport mediċi esebiti mill-imputat in sostenn tal-allegazzjoni li l-ambjent ta' xogħol fl-Aġenzija kien wieħed stressanti u tossiku tant illi beda jbati minn dipressjoni, ilkoll jirriferu għal perijodu ta' żmien meta ma kienx għadu jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv.

In konklużjoni l-Qorti tosserva illi l-imputat ġie mixli li kkommetta reat kontinwat, iżda l-artikolu 18 tal-Kap. 9 ma ġiex indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

**Għaldaqstant, filwaqt li ma ssibx ħtija għat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dwar ir-reati taħt l-artikoli 293, 294, 308, 309 u 310(1) tal-Kodiċi Kriminali u filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni taħt l-artikolu 141 tal-istess Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 92, 119 u 127(1) tal-Kodiċi Kriminali, issib lil JOSEPH MICHAEL BALDACCHINO ħati tal-ewwel, imputazzjoni u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bil-priġunerija fi żmien tliet (3) snin u, għall-fini tal-artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah ukoll għall-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex fi żmien sitt (6) xhur iħallas lill-Aġenzija għall-Ħarsien tal-Persuni li jfittxu l-Ażil (AWAS), is-somma komplessiva ta' sitt mija u żewġ Euro (€602)[30] rappreżentanti l-kumpens għat-telf ikkaġunat bil-kommissjoni tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija.**

**Il-Qorti spejgat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalihhemm piena ta' priġunerija u jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu mad-direttiva għall-ħlas tal-kumpens taħt l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9.**

**Tordna għall-fini tal-artikolu 28A(8) tal-Kodiċi Kriminali li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti u tordnalu wkoll għall-fini tal-**

[30] €104 (ħlas Charles Ankuma), €115 (pompa), €148 (żebgħa), €84.15 (stainless steel pipe) u €112.10 (shower tray pju' VAT) u €38.75 (ikla).

**artikolu 10(7) tal-istess Kodiċi Kriminali, biex jippubblika s-sentenza tal-kundanna għall-interdizzjoni ġenerali perpetwa fil-Gazzetta tal-Gvern.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**